# LINJI GWIDA DWAR GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦAL SKEMA TA’ AGROFORESTRIJA GĦALL-BDIEWA TAL-ART

AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

# Kontenut

1. Introduzzjoni ........ 2

2. Bażi Legali ........ 3

3. Tul tal-Iskema ........ 3

4. Kundizzjonijiet ta' Eliġibbiltà u Dħul ........ 3

4.1 Forza Maġġuri ........ 5

5. Regoli Applikabbli dwar l-Għajnuna mill-Istat ........ 6

6. Baġit ........ 6

7. Kif jiġi kkalkulat il-ħlas? ........ 6

8. Impenji ........ 7

9. Applikazzjonijiet ........ 8

10. Sospensjoni/Irtirar tal-appoġġ ........ 8

11. Kontrolli Amministrattivi/ Kontrolli ........ 9

12. Irkupru tad-Dejn ........ 9

13. Protezzjoni tad-Data ........ 10

14. Rinunzja ........ 12

15. Dettalji ta' Kuntatt ........ 13

Anness ........ 14



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

# Għajnuna mill-Istat għal Skema ta' Agroforestrija għall-Bdiewa tal-Art

## 1. Introduzzjoni

Il-pajsaġġ ġeografiku ta' Malta u d-daqs żgħir tagħha joħloq diversi sfidi ġeofiżiċi u strutturali. Kif ipprovdut fil-Programm ta' Żvilupp Rurali ta' Malta (PżR) 2014-2020, is-siġar u l-foresti huma relattivament rari f'Malta u Għawdex, li jwassal għal diversi riżultati kontraproduttivi bħal telf fil-bijodiversità, akkumulazzjoni ta' karbonju, telf ta' ħamrija, eċċ.

Filwaqt li l-agroforestrija mhix kunċett ġdid, permezz ta' rivoluzzjoni fil-metodi moderni tal-biedja, it-territorji jistgħu jerġgħu lura għall-istat naturali tagħhom. Is-sistemi agroforestrali jfissru sistemi ta' użu ħolistiku ta' art fejn is-siġar jitrabbew flimkien mal-biedja fuq l-istess art. Id-diversifikazzjoni tal-użu tal-art mill-bdiewa tista' twassal għal diversi benefiċċji għall-ekosistemi, inklużi s-sekwestru tal-karbonju, il-konservazzjoni tal-bijodiversità, l-arrikkiment tal-ħamrija, u t-titjib fil-kwalità tal-arja u l-ilma.

Sabiex jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli f'Malta, huwa essenzjali li l-Gvern joffri għajnuna lill-bdiewa tal-art biex jinċentivahom jadattaw l-art tagħhom billi jistabbilixxu sistema agroforestrali li tikkontribwixxi lejn il-miri ta' emissjonijiet żero netti fl-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli ta' Malta.

Din l-għajnuna tiġi ġustifikata fuq il-bàżi tas-sostenibbiltà, li hija kontributur importanti għas-sigurtà tal-ikel fit-tul u r-riżoluzzjoni ta' żbilanċ.


t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

## 2. Bażi Legali

- Kapitolu 146 tal-Liġijiet ta' Malta – Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industriji tal-Biedja u tas-Sajd.
- Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali (ĠU C 485, 21.12.2022, p. 1), kif emendati mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tikkoreġi l-Linji Gwida għall-Għajnuna tal-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali (ĠU C 1902, 5.3.2024, p. 1).

## 3. Tul tal-Iskema

L-iskema se tkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2026.

## 4. Kundizzjonijiet ta' Eliġibbiltà u Dħul

Biex il-bdiewa u l-maniġers tal-art ikunu eliġibbli għall-għajnuna taħt din l-iskema, għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Applikanti b'azjendi agrikoli fit-territorju Malti reġistrati fis-Sistema Integrata ta' Kontroll Amministrattiv (IACS) mal-ARPA.
- Intrapriżi mikro jew żgħar attivi fis-settur tan-NACE A 01.2 – Tkabbir tal-għelejjel perenni.
- Applikanti għandhom jissottomettu Formola ta' Ħlas tal-Bank valida lil ARPA (dan ma japplikax għal applikanti li diġà huma benefiċjarji ta' skemi ta' għajnuna amministrati mill-ARPA).
- Impriżi f'diffikultà[1] huma esklużi mill-iskema.

[1] 'Impriża f'diffikultà' tfisser impriża li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà.



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

*Nefqiet Eliġibbli*

- L-appoġġ taħt din l-iskema jkopri l-ispejjeż tal-istabbiliment ta' sistema agroforestali li għaliha tista' tingħata għajnuna sal-31 ta' Diċembru 2026, u li l-benefiċjarju għandu jikkommetti li jżomm għal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data meta l-pagament finali jinħareġ lill -benefiċjarju sistemi tal-użu tal-art li fihom jitkabbru s-siġar flimkien ma'agrikoltura fuq l-istess art.
- L-ispeċi mħawla għandhom jiġu adattati għall-kundizzjonijiet pedoklimatiċi u ambjentali lokali, l-ispeċi tal-forestrija u l-ħtieġa li jiġi żgurat użu agrikolu sostenibbli tal-art u jikkonformaw mar-rekwiżiti ambjentali minimi. Lista ta' siġar eliġibbli qed tiġi annessa ma' dawn il-Linji Gwida skont Skeda 1-2 ta' L.S.549.123[2] tal-Liġijiet ta' Malta. Is-siġar taċ-ċitru meqjusa wkoll bħala eliġibbli minħabba l-adattament tagħhom għall-klima Mediterranja, il-vijabilità ekonomika tagħhom, u l-benefiċċji ekoloġiċi li jipprovdu.
- L-għelieqi impenjati għandhom ikunu ta' mill-inqas 0.1124 ettari ta' art eliġibbli li fuqha għandhom isiru azzjonijiet ta' Agroforestrija pprovduti f'din l-iskema b'densità ta' tħawwil ta' mill-inqas 45 siġra għal kull tomna (i.e. 400 siġra għal kull ettaru), bil-ħsieb li l-għalqa kollha tkun imħawla bis-siġar.

*Nefqiet Mhux Eliġibbli*

- Bdiewa b'impenji attivi taħt il-Miżura 10 (AECMs) tal-Pjan ta' Żvilupp Rurali ta' Malta (PŻR) 2014-2020 u taħt l-AECCs tal-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni ta' Malta (PS-PAK) 2023-2027 għandhom jiżguraw li l-isforzi mwettqa f'konformità ma' din l-iskema jaqgħu fi ħdan il-parametri ta' eliġibilità dwar impenji kontinwi previsti fil-linji gwida rispettivi, inkella l-irtirar/sospensjoni ta' appoġġ u/jew l-irkupru ta' pagamenti għandhom japplikaw kif indikat fl-istess linji gwida. Għelieqi marbutin taħt impenji attivi taħt AECM 5/AECC 5 għandhom jitqiesu bħala mhux eliġibbli.
- L-ebda finanzjament doppju m'għandu jkun permess, jiġifieri, bidwi ma jistax jibbenefika taħt din l-iskema għall-istess biċċa art b'impenn kontinwu taħt l-PŻR ta' Malta 2014-2020 jew il-PS-PAK ta' Malta 2023-2027 jew kwalunkwe program/inizjattiva oħra.

[2] Leġislazzjoni Sussidjarja 549.123 Protezzjoni tas-Siġar u l-Imsaġar aċċessibbli fuq https://legislation.mt/eli/sl/549.123/

- L-ebda fondi addizzjonali m'għandhom jiġu pprovduti ħlief għall-għajnuna mogħtija għas-siġar eliġibbli mħawla.
- Kapital tax-xogħol.
- Xiri ta' drittijiet għall-ħlas.
- Xiri ta' art għal ammont li jaqbeż l-10 % tan-nefqa totali eliġibbli għall-operazzjoni kkonċernata.
- Rata tal-imgħax fuq id-dejn.

*Rata ta' Għajnuna Finanzjarja*

L-għajnuna m'għandhiex taqbeż il-100 % tal-ispejjeż eliġibbli u m'għandhiex taqbeż it-€8,000 għal kull ettaru, fejn kull bidwi għandu jkun eliġibbli għal massimu ta' ettaru wieħed.

## 4.1 Forza Maġġuri

Jekk benefiċjarju ma jkunx jista' jikkonforma mal-obbligi bħala riżultat ta' Forza Maġġuri jew ċirkostanzi eċċezzjonali huwa għandu jżomm id-dritt tiegħu/tagħha għal għajnuna eliġibbli sa meta jkun seħħ il-każ ta' Forza Maġġuri jew iċ-ċirkustanza eċċezzjonali.

Każijiet ta' Forza Maġġuri u ċirkostanzi eċċezzjonali għandhom jiġu notifikati bil-miktub lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, b'evidenza rilevanti għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, fi żmien ħmistax-il (15) jum tax-xogħol mid-data li fiha l-benefiċjarju jew il-persuna intitolata permezz lilu, jinsab f'pożizzjoni li jagħmel dan. Wara konsultazzjoni, l-ARPA tiddeċiedi jekk taċċettax jew tiċħadx l-applikazzjoni. Jekk l-ARPA taċċetta t-talba ta' Forza Maġġuri, ma jkunx hemm konsegwenzi bħal penalitajit jew irkupru ta' għajnuna. Iżda jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda mill-ARPA, din tal-aħħar tista' tfittex li tirkupra jew tirtira l-fondi kollha relatati ma' din l-iskema.

Id-dokumentazzjoni uffiċjali trid tiġi sottomessa flimkien mal-applikazzjoni tal-Forza Maġġuri. F'każ ta' mard huwa meħtieġ ċertifikat mediku.



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

## 5. Regoli Applikabbli dwar l-Għajnuna mill-Istat

- F'konformità mal-Artikolu 108(3) TFUE, l-ebda għajnuna mhi se tingħata jew titħallas qabel in-notifika u l-approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.
- Għajnuna taħt din l-iskema ma tistax tiġi akkumulata ma' xi għajnuna oħra mill-Istat biex tkopri l-istess spejjeż eliġibbli.
- Għandhom japplikaw rekwiżiti ta' monitoraġġ u rappurtar kif imsemmija fil-Linji Gwida għall-għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali. L-informazzjoni rilevanti dwar kull għajnuna individwali 'l fuq minn €10,000[3] mogħtija taħt din l-iskema, għandha tiġi ppubblikata fi żmien 6 xhur mill-mument tal-għotja.

## 6. Baġit

Il-baġit globali disponibbli għal din l-iskema huwa ta' €1,000,000 li se jkunu ffinanzjati kollha kemm huma permezz ta' fondi Nazzjonali. Il- baġit disponibbli għat-tieni sejħa ta' applikazzjonijiet huwa ta' €100,000 L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali tirriżerva d-dritt li temenda l-baġit allokat u tistabbilixxi u temenda r-rati ta' appoġġ skont il-baġit disponibbli.

## 7. Kif jiġi kkalkulat il-ħlas?

Din l-għajnuna hija għotja diretta bbażata fuq ir-rata approvata għal kull ettaru fuq iż-żona eliġibbli impenjata taħt l-iskema li tistipula n-numru ta' siġar eliġibbli fuq iż-żona impenjata li ma jaqbiżx €8,000 għal kull ettaru fejn kull bidwi għandu jkun eliġibbli għal massimu ta' ettaru wieħed.

Il-ħlas għandu jieħu l-forma ta' ħlas dirett iddepożitat direttament fil-kontijiet bankarji ta' applikanti eliġibbli.

[3] Tali informazzjoni tirreferi għall-identità tal-benefiċjarji individwali, il-forma u l-ammont ta' għajnuna mogħtija lil kull benefiċjarju, id-data tal-għoti, it-tip ta' impriża (SME), ir-reġjun li fih jinsab il-benefiċjarju (fil-livell NUTS II) u is-settur ekonomiku prinċipali li fih il-benefiċjarju għandu l-attivitajiet tiegħu (fil-livell tal-grupp NACE).



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

L-ARPA tirriżerva d-dritt li tirrevedi l-mekkaniżmu ta' ħlas propost u l-limiti stabbiliti kif meħtieġ għall-implimentazzjoni tajba ta' din l-iskema.

# 8. Impenji

Il-benefiċjarji għandhom:

- Jimpenjaw ruħhom li jwettqu it-twaqqif ta' sistema ta' agroforestrija kif definita fil-Linji Gwida ta' din l-Iskema fuq l-għelieqi indikata fl-applikazzjoni sottomessa.
- Jikkuraw u jżommu s-siġar imħawla għal mill-inqas erba' (4) snin mill-ħlas finali maħruġ taħt din l-Iskema, u tali obbligu għandu mill-inqas jinkludi: attività minima kif previst fil-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni ta' Malta (PS-PAK) li jirreferi għat-twettiq ta' attività minima; dan jirreferi għall-manutenzjoni ġenerali tal-art li żżommha adattata għall-kultivazzjoni. Din l-attività trid tal-inqas tikkonsisti fil-ħidma tal-art mill-inqas darba fis-sena u s-siġar preżenti fl-azjenda għandhom jinżammu f'kundizzjoni agrikola tajba.
- L-għelieqi impenjati għandhom ikunu ta' mill-inqas 0.1124 ettari ta' art eliġibbli li fuqhom għandhom isiru azzjonijiet ta' Agroforestrija pprovduti f'din l-iskema b'densità ta' tħawwil ta' mill-inqas 45 siġra għal kull tomna (i.e. 400 siġra għal kull ettaru), bil-ħsieb li l-għalqa kollha tkun imħawla bis-siġar.
- L-ispeċi mħawla għandhom ikunu adattati għall-kundizzjonijiet ambjentali u klimatiċi taż-żona u jikkonformaw mar-rekwiżiti ambjentali minimi. M'għandu jingħata ebda appoġġ għat-tħawwil ta' siġar b'rotazzjoni qasira, siġar tal-Milied jew siġar li jikbru malajr għall-produzzjoni tal-enerġija. Lista ta' siġar eliġibbli qed tiġi annessa ma' dawn il-Linji Gwida skont Skeda 1-2 ta' L.S.549.123 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-siġar taċ-ċitru meqjusa wkoll bħala eliġibbli minħabba l-adattament tagħhom għall-klima Mediterranja, il-vijabilità ekonomika, u l-benefiċċji ekoloġiċi.
- Jużaw l-*app* tal-mowbajl BiedjaCam biex jissottomettu ritratti ġeo-lokalizzati mill-inqas darba fis-sena bħala evidenza tal-manutenzjoni tas-siġar u informazzjoni dwar l-uċuħ tar-raba' bil-ħsara li qed tintalab sal-għeluq tal-perjodu tal-applikazzjoni.
- Jagħtu aċċess lill-uffiċjali tal-ARPA (inklużi r-rappreżentanti tagħhom) jispezzjonaw jew iwettqu xogħlijiet meħtieġa fir-rigward ta' din l-iskema.



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

QUALITY SERVICE

- Jibagħtu talba għal tibdil fl-impenn lill-ARPA qabel ma jsiru xi tibdiliet fi jew fuq xi għelieqi taħt impenn fil-perjodu ta' manutenzjoni ta' erba' (4) snin. L-ARPA tevalwa t-talba u toħroġ tweġiba li taċċetta jew tiċħad il-proposta. Jekk it-talba tiġi aċċettata, u tirriżulta f'bidliet fiż-żona taħt impenn, il-ħlas jiġi kkalkulat mill-ġdid għall-minimu bejn iż-żona kuntrattata u ż-żona l-ġdida. Il-benefiċjarju jista' għalhekk jintalab jirrifondi parti mill-ħlas rċevut għaż-żona oriġinali impenjata, iżda mhux se jkun intitolat għal aktar ħlasijiet.

## 9. Applikazzjonijiet

L-istabbiliment ta' sistema ta' agroforestrija m'għandux ikun beda qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna taħt din l-iskema.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu evalwati fuq bażi ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" u sakemm il-baġit jiġi eżawrit.

L-applikazzjonijiet flimkien mad-dokumenti ta' sostenn meħtieġa għandhom jaslu għand il-*Front Office* tal-ARPA sa mhux aktar tard mid-29 ta' Mejju 2026.

## 10. Sospensjoni/Irtirar tal-appoġġ

L-ARPA tista' tissospendi jew tirtira bis-sħiħ l-appoġġ meta jinstab nuqqas ta' konformità. Is-sospensjoni jew l-irtirar għandhom jitneħħew mill-ARPA hekk kif il-benefiċjarju jipprova għas-sodisfazzjon tal-ARPA li s-sitwazzjoni ġiet rimedjata.

Is-sospensjoni tal-appoġġ se tiġi applikata f'każijiet fejn l-impenji u/jew obbligi oħra ma jiġux sodisfatti, u l-benefiċjarju huwa mistenni li jkun jista' jikkoreġi n-nuqqas ta' konformità. Jekk il-benefiċjarju ma jistax jirrimedja s-sitwazzjoni matul perjodu previst mill-ARPA, l-appoġġ għandu jiġi rtirat.

L-ARPA se tissospendi l-għotja u/jew il-ħlas ta' kwalunkwe għajnuna taħt din l-iskema lil kwalunkwe impriża li tkun ibbenefikat minn għajnuna illegali preċedenti ddikjarata inkompatibbli b'Deċiżjoni


t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

tal-Kummissjoni, sakemm dik l-impriża tkun ħallset lura jew ħallset f'kont imblukkat l-ammont totali ta' għajnuna illegali. u għajnuna inkompatibbli u l-imgħax ta' rkupru korrispondenti.

## 11. Kontrolli Amministrattivi/ Kontrolli

Il-kontrolli għandhom jinkludu verifika ta':

- L-eliġibilità tal-benefiċjarju
- L-aderenza mal-impenji tal-iskema

## 12. Irkupru tad-Dejn

Jekk l-Aġenzija tidentifika ksur fil-kuntratt fl-erba' (4) snin wara l-ħruġ tal-ħlas finali jew kwalunkwe ħlas ieħor mhux dovut maħruġ lil benefiċjarju, jew tinnota li saru xi irregolaritajiet oħra minn benefiċjarju, l-Aġenzija tibda proċeduri ta' rkupru tad-dejn. Il-Benefiċjarju jiġi notifikat b'dejn permezz ta' notifika mibgħuta lill-istess benefiċjarju permezz tal-posta reġistrata. Din l-ittra tinkludi l-ammont li għandu jiġi rkuprat u r-raġuni għall-irkupru ta' dawn l-ammonti. Malli jirċievi notifika tad-dejn, il-Benefiċjarju huwa meħtieġ jew jaċċetta d-dejn jew joġġezzjona għalih.

Jekk il-Benefiċjarju jaċċetta d-dejn, għandu jimla Formola ta' Aċċettazzjoni tad-Dejn, li tindika jekk id-dejn hux se jitħallas mill-Benefiċjarju. Id-dejn għandu jiġi saldat fi żmien tletin (30) jum kalendarju mid-data tan-notifika.

Jekk min-naħa l-oħra l-Benefiċjarju ma jaqbilx mad-dejn, għandha timtela Formola ta' Oġġezzjoni u tiġi sottomessa lill-Aġenzija fi żmien ħmistax-il (15) jum tax-xogħol mid-data tan-notifika tad-dejn. L-oġġezzjonijiet sottomessi jiġu riveduti mill-Bord tal-Oġġezzjonijiet tal-Aġenzija. Il-Benefiċjarju jiġi nnotifikat bil-miktub bid-deċiżjoni tal-Bord li jaċċetta jew jirrifjuta tali Oġġezzjoni. Il-benefiċjarji huma mħeġġa jikkonsultaw il-Gwida għas-Sottomissjoni ta' Oġġezzjonijiet għal Penali/Tnaqqis imposti mill-ARPA li tista' tiġi aċċessata mis-sit elettroniku tal-ARPA fuq: https://arpa.gov.mt.


t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta

Il-formoli ta' aċċettazzjoni u oġġezzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit tal-Aġenzija https://arpa.gov.mt u jistgħu jiġu sottomessi għand:

- *Front Office*, Suq tal-Pitkalija, Ta' Qali, limiti ta' Ħ'Attard jew,
- Uffiċju ta' Għawdex, Razzett Sperimentali tal-Gvern, Triq l-Imġarr, ix-Xewkija, Għawdex

Jekk il-Benefiċjarju jkollu xi dejn pendenti wara li jgħaddu sittin (60) jum kalendarju mid-data tan-notifika tad-dejn u la jkun ressaq Formola ta' Aċċettazzjoni ta' Dejn u lanqas Formola ta' Oġġezzjoni, jiġi applikat imgħax b'rata ta' 8% skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009, id-Direttiva 2011/7/UE u l-Artikolu 1852 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

## 13. Protezzjoni tad-Data

L-Aġenzija twettaq il-funzjonijiet tagħha skont il-liġijiet applikabbli u f'konformità mal-prattiki tajba permanenti.

F'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem 'GDPR'), l-ARPA qed tipprovdilek l-informazzjoni li ġejja:

- Il-"Kontrollur" huwa l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali. L-Aġenzija tista' tiġi kkuntattjata fil-Front Office, Suq tal-Pitkalija, Ta' Qali, limiti ta' Ħ'Attard jew fuq l-indirizz elettroniku arpa.mafa@gov.mt;
- L-Uffiċjal tal-protezzjoni tad-data jista' jiġi kkuntatjat ġewwa l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, "Farm Sperimentali", Għammieri, Marsa, Malta jew fuq l-indirizz elettroniku dpo.arpa@gov.mt;
- L-għan tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek huwa li jiġu implimentati l-miżuri taħt il-Politika Agrikola Komuni skont it-Titlu III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-liġijiet Ewropej u nazzjonali relatati, politiki aktar speċifiċi huma dependenti fuq il-miżuri kkonċernati u jistgħu jiġu stipulati iktar l'isfel f'dan id-dokument;
- Ir-reċipjent tad-data personali tiegħek hija l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, u d-Drittijiet tal-Annimali. Il-kategorija ta'

recipjenti tad-data personali tiegħek huma awtoritajiet pubbliċi li jinkludu wkoll istituzzjonijiet, entitajiet, uffiċini u aġenziji tal-Unjoni;

- Id-Data Personali tiegħek ser tinżamm għall-perjodu massimu illi tirrikjedi jew tippermetti l-liġi biex jiġu sodisfatti l-għanijiet iddikjarati u kwalunkwe obbligu legali u, jew talbiet li jistgħu jiġu mir-relazzjoni tiegħek mal-Aġenzija, jew oħrajn skont ilPolitika ta' Retenzjoni tad-Data pprovduta ma' din id-dikjarazzjoni jew aċċessibbli mis-sit elettroniku www.arpa.gov.mt;
- Inti għandek id-dritt illi titlob mingħand il-Kontrollur aċċess għal, korrezzjoni jew tħassir ta' data personali jew restrizzjoni talipproċessar tad-data personali li tikkonċerna lilek jew li toġġezzjona għall-ipproċessar u kif ukoll għad-dritt tal-portabbiltà taddata, skont il-liġi;
- Inti għandek id-dritt illi tressaq ilmenti mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data jew kwalunkwe awtorità superviżorja oħra, kif applikabbli skont ir-Regolament.

Id-data personali illi inti qiegħed tipprovdi lilna hija rekwiżit kuntrattwali u, jew legali relatata mad-drittijiet u l-obbligi tiegħek firrigward tal-Aġenzija u r-responsabbiltajiet tagħha.

Meta tissottometti din l-applikazzjoni/talba inti qiegħed tiddikkjara illi tifhem u taċċetta li l-Aġenzija se tipproċessa data personali relatata miegħek għall-għan speċifiku illi tiġi pproċessata din l-applikazzjoni/talba, skont il-liġi. Sabiex l-applikazzjoni/talba tiegħek tiġi pproċessata, għandek tipprovdi d-data personali tiegħek għall-għanijiet iddikjarati u għal kwalunkwe għan raġonevoli u, jew legalment neċessarju biex jiġu sodisfatti l-għanijiet imsemmija. In-nuqqas milli tipprovdi din id-data jista' jirriżulta fl-impossibbiltà tal-ipproċessar tal-applikazzjoni/talba tiegħek, mingħajr preġudizzju għall-konsegwenza oħra skont il-liġi.

L-ipproċessar tad-data personali se titwettaq skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data.

# 14. Rinunzja

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali tirriżerva d-dritt li temenda minn żmien għal żmien ċerti kriterji stabbiliti minn dan id-dokument ta' gwida. Tali emendi jistgħu jsiru applikabbli u infurzati retrospettivament, mid-data tal-applikazzjoni.

Il-benefiċjarji potenzjali huma mitluba jfittxu kwalunkwe kjarifika meħtieġa qabel l-impenn.



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

# 15. Dettalji ta' Kuntatt

Għal aktar informazzjoni dwar din l-iskema, tista' tagħmel kuntatt mal-Aġenzija kif ġej:

**Indirizz**: *Front Office tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali*

Ta' Qali, limiti ta' Ħ'Attard

ATD4000

**Numru tat-Telefon**: +356 22926148

**Imejl**: arpa.mafa@gov.mt

**Sit elettroniku**: https://arpa.gov.mt/



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

QUALITY SERVICE

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

# Anness

**Lista ta' Siġar Eliġibbli skont L.S. 549.123 Tabella 1-2 (inkluż is-Siġar taċ-Ċitru)**

| Lokalità | Isem Xjentifiku | Isem bil-Malti | Isem bl-Ingliż |
|---|---|---|---|
| BIRGU | Juniperus macrocarpa | Il-Ġnibru x-Xewwieki | Large Fruited Juniper |
| VALLETTA | Juniperus oxycedrus | Il-Ġnibru x-Xewwieki | Prickly Juniper; Cade Juniper; Prickly Cedar; Sharp Cedar |
| XGHAJRA | Lycium schweinfurthii | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| SLIEMA | Anagyris foetida | Il-Fula tal-Klieb | Bean Trefoil Tree; Mediterranean Stinkwood |
| KALKARA | Arbutus unedo | L-Imragla | Strawberry Tree; Cane Apple; Western Arbutus |
| ISLA | Celtis australis | Il-Buglar; iċ-Ċeltis | Southern Nettle Tree |
| TA' XBIEX | Ceratonia siliqua | Il-Ħarruba | Carob |
| | Chamaerops humilis | Il-Ġummara | Dwarf Fan Palm |
| | Crataegus azarolus | L-Għanżalor | Azarole; Crete Hawthorn |
| | Cupressus sempervirens | Iċ-Ċipress | Italian Cypress |
| | Ephedra fragilis | L-Efedra | Shrubby Horsetail; Joint Pine |
| | Juniperus phoenicea s.l. | Il-Ġnibru; Il-Ġniepru; L-Għargħar | Phoenician Juniper |
| | Lycium barbarum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| | Lycium europaeum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| | Lycium intricatum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| | Olea europaea s.l. | Iż-Żebbuġa; Iż-Żejtuna | Olive |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

QUALITY SERVICE

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Olea oleaster s.l. | Iż-Żebbuġ Selvaġġ | Wild Olive; Oleaster |
| | Paliurus spina-christi | Ix-Xewk tal-Kuruna; Ix-Xewk ta' Kristu | Christ's Thorn Tree |
| | Phoenix dactylifera | Il-Palm tat-Tamar; In-Naħla; Is-Siġar tat-Tamar | Date Palm |
| | Pinus halepensis | Iż-Żnuber; Is-Siġar tal-Prinjol; Is-Siġar ta' l-Arżnu; l-Arżnu s-Selvaġġ | Pines |
| | Pistacia lentiscus | Id-Deru; Id-Deluwa | Lentisk; Mastic Tree |
| | Pistacia terebinthus | Il-Botna; L-Iskornabekk; Is-Siġar tat-Turpentina; It-Trementina; Is-Siġar tal-Fosdoq; it-Terebintu | Terebinth; Turpentine Tree |
| | Pistacia x saportae | Id-Deru l-Bagħal | Hybrid Mastic Tree |
| | Prunus mahaleb | Iċ-Ċirasa Bagħlija; Iċ-Ċirasa s-Selvaġġa | Mahaleb Cherry; St Lucie Cherry |
| | Quercus calliprinos | Il-Balluta x-Xewwikija | Palestine Oak; Eastern Kermes Oak |
| | Quercus coccifera | Il-Balluta x-Xewwikija | Kermes Oak |
| | Quercus suber | Is-Siġar tas-Sufra; Il-Balluta tas-Sufra | Cork Oak |
| | Rhamnus alaternus | L-Alaternu | Mediterranean Buckthorn |
| | Rhamnus oleoides | Iż-Żiju | Lesser Buckthorn; Olive-Leaved Buckthorn |
| | Sorbus domestica | Iż-Żorba | Service Tree |
| | Tetraclinis articulata | L-Għargħar | Arar tree; Sandarac Gum Tree; Mediterranean Alerce; Barbary Arbor-Vitae |
| | Citrus L. | Siġar taċ-Ċitru | Citrus tree |
| BIRZEBBUGIA | Juniperus macrocarpa | Il-Ġnibru x-Xewwieki | Large Fruited Juniper |
| GHAJNSIELEM | Juniperus oxycedrus | Il-Ġnibru x-Xewwieki | Prickly Juniper; Cade Juniper; Prickly Cedar; Sharp Cedar |
| NADUR | Lycium schweinfurthii | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| XAGHRA | Anagyris foetida | Il-Fula tal-Klieb | Bean Trefoil Tree; Mediterranean Stinkwood |
| ZEBBUG (Ghawdex) | Arbutus unedo | L-Imragla | Strawberry Tree; Cane Apple; Western Arbutus |
| ZURRIEQ | Celtis australis | Il-Buglar; iċ-Ċeltis | Southern Nettle Tree |
| PIETA | Ceratonia siliqua | Il-Ħarruba | Carob |
| MARSA | Chamaerops humilis | Il-Ġummara | Dwarf Fan Palm |
| MUNXAR | Crataegus azarolus | L-Għanżalor | Azarole; Crete Hawthorn |
| PAOLA | Cupressus sempervirens | Iċ-Ċipress | Italian Cypress |
| PEMBROKE | Ephedra fragilis | L-Efedra | Shrubby Horsetail; Joint Pine |
| BORMLA | Juniperus phoenicea s.l. | Il-Ġnibru; Il-Ġniepru; L-Għargħar | Phoenician Juniper |
| FLORIANA | Lycium barbarum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| GZIRA | Lycium europaeum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| DINGLI | Lycium intricatum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| GHARB | Olea europaea s.l. | Iż-Żebbuġa; Iż-Żejtuna | Olive |
| GHASRI | Olea oleaster s.l. | Iż-Żebbuġ Selvaġġ | Wild Olive; Oleaster |
| QALA | Paliurus spina-christi | Ix-Xewk tal-Kuruna; Ix-Xewk ta' Kristu | Christ's Thorn Tree |
| QRENDI | Phoenix dactylifera | Il-Palm tat-Tamar; In-Naħla; Is-Siġar tat-Tamar | Date Palm |
| SANNAT | Pinus halepensis | Iż-Żnuber; Is-Siġar tal-Prinjol; Is-Siġar ta' l-Arżnu; l-Arżnu s-Selvaġġ | Pines |
| ZABBAR | Pistacia lentiscus | Id-Deru; Id-Deluwa | Lentisk; Mastic Tree |
| MSIDA | Pistacia terebinthus | Il-Botna; L-Iskornabekk; Is-Siġar tat-Turpentina; It-Trementina; Is-Siġar tal-Fosdoq; it-Terebintu | Terebinth; Turpentine Tree |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| SAN GILJAN | Pistacia x saportae | Id-Deru l-Bagħal | Hybrid Mastic Tree |
| RABAT (Malta) | Prunus mahaleb | Iċ-Ċirasa Bagħlija; Iċ-Ċirasa s-Selvaġġa | Mahaleb Cherry; St Lucie Cherry |
| SIGGIEWI | Quercus calliprinos | Il-Balluta x-Xewwikija | Palestine Oak; Eastern Kermes Oak |
| MGARR | Quercus coccifera | Il-Balluta x-Xewwikija | Kermes Oak |
| NAXXAR | Quercus suber | Is-Siġar tas-Sufra; Il-Balluta tas-Sufra | Cork Oak |
| | Rhamnus alaternus | L-Alaternu | Mediterranean Buckthorn |
| | Rhamnus oleoides | Iż-Żiju | Lesser Buckthorn; Olive-Leaved Buckthorn |
| | Sorbus domestica | Iż-Żorba | Service Tree |
| | Tetraclinis articulata | L-Għargħar | Arar tree; Sandarac Gum Tree; Mediterranean Alerce; Barbary Arbor-Vitae |
| | Fraxinus angustifolia | Il-Fraxxnu; is-Siġar tal-Paċenzja | Narrow-Leaved Ash |
| | Morus alba | Is-Siġar taċ-Ċawsli | White Mulberry |
| | Populus alba | Il-Luqa; Is-Siġar Taċ-Ċopp | White Poplar |
| | Salix alba s.l. | Iż-Żafżafa; Iż-Żafżafa l-Kbira; Iż-Żafżafa l-Bajda | White Willow |
| | Salix pedicellata | Iż-Żafżafa Ż-Żgħira | Mediterranean Willow |
| | Ulmus americana | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Ulmus laevis | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Cercis siliquastrum | Is-Siġra ta' Ġuda; il-Ħarrub ta' Ġuda | Judas Tree; Mediterranean Redbud |
| | Crataegus monogyna | Iż-Żagħrun | Whithorn; Common Hawthorn |
| | Crataegus x ruscinonensis | L-Għanżalor Selvaġġ | Hybrid Hawthorn |
| | Cydonia oblonga | L-Isfarġel | Quince |
| | Laurus nobilis | Ir-Randa | Bay Laurel; Sweet Bay |
| | Malus pumila s.l. | Is-Siġar tat-Tuffieħ; Il-Pumiċella; It-Tuffieħa tal-Billudja | Apple Tree |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

QUALITY SERVICE
ARPA AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

| | | |
|---|---|---|
| Malus sylvestris | It-Tuffieħ Selvaġġ | European Crab Apple; Wild Apple |
| Mespilus germanica | Fomm il-Lipp; Omm il-Epp; In-Naspli t-Tedeski | Medlar; Mediterranean Medlar |
| Morus nigra | Is-Siġar tat-Tut | Black Mulberry |
| Myrtus communis | Ir-Riħan | Myrtle |
| Phillyrea latifolia | L-Olivastru; il-Fillirja | Mock Privet; Jasmine Box |
| Phillyrea media | L-Olivastru; il-Fillirja | Mock Privet; Jasmine Box |
| Prunus armeniaca | Is-Siġra tal-Berquq; Il-Lixandrina | Apricot; Armenian Plum |
| Prunus avium | Iċ-Ċirasa; L-Amarena | Wild Cherry; Sweet Cherry; Gean |
| Prunus cerasifera s.l. | Iċ-Ċuplamm; L-Għanbaqar il-Kbir | Cherry Plum; Myrobalan Plum |
| Prunus cerasus | Iċ-Ċirasa s-Selvaġġa | Dwarf Cherry; Sour Cherry; Tart Cherry |
| Prunus domestica s.l. | Il-Prajn; l-Għanbaqar; Il-Prajjen; Il-Pruna; Is-Sużina | Plum Tree; Prune Tree; Bullace; Damascene; Damson; Greengage |
| Prunus dulcis s.l. | Is-Siġra tal-Lewż | Common Almond |
| Prunus persica var. nucipersica | In-Nuċiprisk; l-Anċiprisk; Iċ-Ċiprisk | Nectarine Tree |
| Prunus spinosa | Il-Prajn tax-Xewk | Sloe; Blackthorn |
| Prunus x dasycarpa | Iż-Żabrikott | Black Apricot |
| Punica granatum | Is-Siġar tar-Rummien; Is-Siġar tal-Bullar | Pomegranate |
| Pyrus amygdaliformis | Il-Lanġas Selvaġġ | Almond-Leaved Pear |
| Pyrus communis | Il-Lanġasa; Il-Bergamotta; Il-Butira; Il-Maskarella; Il-Bambinella; l-Anġilika; l-Ottobrina | European Pear Tree |
| Pyrus pyraster | Il-LanġasBagħal; Il-Lanġas Selvaġġ | Wild Pear |
| Pyrus syriaca | Il-Lanġas Selvaġġ | Syrian Pear |
| Quercus ilex | Il-Balluta; Is-Siġar tal-Ġandar | Holm Oak; Evergreen Oak |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

QUALITY SERVICE

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Rhus coriaria | Ix-Xumakk tal-Konz | Common Sumach |
| | Sambucus ebulus | In-Nittiena; Is-Sebuqa Selvaġġa | Dwarf Elder |
| | Sambucus nigra | Is-Sambuka; Is-Sebuqa; Is-Sebuqa l-Kbira | Common Elder |
| | Sorbus aucuparia | Iż-Żorba s-Selvaġġa | Rowan; Mountain Ash |
| | Spartium junceum | Il-Ġenista s-Safra | Spanish Broom |
| | Ulmus canescens | In-Nemmiesa; Is-Siġar tan-Nemus; l-Ulmu; l-Ulmu ta' Malta | Hoary Elm; Grey-Leaved Elm |
| | Ulmus glabra | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Ulmus minor s.str. | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Ulmus procera | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Viburnum tinus | Il-Meruna; Il-Viburnu | Laurustinus |
| | Ziziphus zizyphus | Iż-Żinżel | Jujube |
| | Citrus L. | Siġar taċ-Ċitru | Citrus tree |
| KERCEM | Juniperus macrocarpa | Il-Ġnibru x-Xewwieki | Large Fruited Juniper |
| MARSASCALA | Juniperus oxycedrus | Il-Ġnibru x-Xewwieki | Prickly Juniper; Cade Juniper; Prickly Cedar; Sharp Cedar |
| MARSAXLOKK | Lycium schweinfurthii | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| SAN LAWRENZ | Nerium oleander | Id-Difla; Siġret il-Ġarab; Siġret il-Bass; Is-Siġar tal-Wirdien; L-Oleandru | Oleander |
| MELLIEHA | Tamarix africana | Il-Bruka; It-Tarfa | Tamarisks |
| SAN PAWL IL-BAHAR | Vitex agnus-castus | L-Għadiba; il-Virgi; Il-Bżar tal-Patrijiet; L-Għadbiera; Is-Siġar tal-Virgi | Chaste Tree; Virgin Bush |
| | Anagyris foetida | Il-Fula tal-Klieb | Bean Trefoil Tree; Mediterranean Stinkwood |
| | Arbutus unedo | L-Imragla | Strawberry Tree; Cane Apple; Western Arbutus |
| | Celtis australis | Il-Buglar; iċ-Ċeltis | Southern Nettle Tree |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

QUALITY SERVICE

ARPA AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

| | | |
|---|---|---|
| Ceratonia siliqua | Il-Ħarruba | Carob |
| Chamaerops humilis | Il-Ġummara | Dwarf Fan Palm |
| Crataegus azarolus | L-Għanżalor | Azarole; Crete Hawthorn |
| Cupressus sempervirens | Iċ-Ċipress | Italian Cypress |
| Ephedra fragilis | L-Efedra | Shrubby Horsetail; Joint Pine |
| Juniperus phoenicea s.l. | Il-Ġnibru; Il-Ġniepru; L-Għargħar | Phoenician Juniper |
| Lycium barbarum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| Lycium europaeum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| Lycium intricatum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| Olea europaea s.l. | Iż-Żebbuġa; Iż-Żejtuna | Olive |
| Olea oleaster s.l. | Iż-Żebbuġ Selvaġġ | Wild Olive; Oleaster |
| Paliurus spina-christi | Ix-Xewk tal-Kuruna; Ix-Xewk ta' Kristu | Christ's Thorn Tree |
| Phoenix dactylifera | Il-Palm tat-Tamar; In-Naħla; Is-Siġar tat-Tamar | Date Palm |
| Pinus halepensis | Iż-Żnuber; Is-Siġar tal-Prinjol; Is-Siġar ta' l-Arżnu; l-Arżnu s-Selvaġġ | Pines |
| Pistacia lentiscus | Id-Deru; Id-Deluwa | Lentisk; Mastic Tree |
| Pistacia terebinthus | Il-Botna; L-Iskornabekk; Is-Siġar tat-Turpentina; It-Trementina; Is-Siġar tal-Fosdoq; it-Terebintu | Terebinth; Turpentine Tree |
| Pistacia x saportae | Id-Deru l-Bagħal | Hybrid Mastic Tree |
| Prunus mahaleb | Iċ-Ċirasa Bagħlija; Iċ-Ċirasa s-Selvaġġa | Mahaleb Cherry; St Lucie Cherry |
| Quercus calliprinos | Il-Balluta x-Xewwikija | Palestine Oak; Eastern Kermes Oak |

| | | |
|---|---|---|
| Quercus coccifera | Il-Balluta x-Xewwikija | Kermes Oak |
| Quercus suber | Is-Siġar tas-Sufra; Il-Balluta tas-Sufra | Cork Oak |
| Rhamnus alaternus | L-Alaternu | Mediterranean Buckthorn |
| Rhamnus oleoides | Iż-Żiju | Lesser Buckthorn; Olive-Leaved Buckthorn |
| Sorbus domestica | Iż-Żorba | Service Tree |
| Tetraclinis articulata | L-Għargħar | Arar tree; Sandarac Gum Tree; Mediterranean Alerce; Barbary Arbor-Vitae |
| Fraxinus angustifolia | Il-Fraxxnu; is-Siġar tal-Paċenzja | Narrow-Leaved Ash |
| Morus alba | Is-Siġar taċ-Ċawsli | White Mulberry |
| Populus alba | Il-Luqa; Is-Siġar Taċ-Ċopp | White Poplar |
| Salix alba s.l. | Iż-Żafżafa; Iż-Żafżafa l-Kbira; Iż-Żafżafa l-Bajda | White Willow |
| Salix pedicellata | Iż-Żafżafa Ż-Żgħira | Mediterranean Willow |
| Ulmus americana | L-Ulmu | Elm Trees |
| Ulmus laevis | L-Ulmu | Elm Trees |
| Cercis siliquastrum | Is-Siġra ta' Ġuda; il-Ħarrub ta' Ġuda | Judas Tree; Mediterranean Redbud |
| Crataegus monogyna | Iż-Żagħrun | Whithorn; Common Hawthorn |
| Crataegus x ruscinonensis | L-Għanżalor Selvaġġ | Hybrid Hawthorn |
| Cydonia oblonga | L-Isfarġel | Quince |
| Laurus nobilis | Ir-Randa | Bay Laurel; Sweet Bay |
| Malus pumila s.l. | Is-Siġar tat-Tuffieħ; Il-Pumiċella; It-Tuffieħa tal-Billudja | Apple Tree |
| Malus sylvestris | It-Tuffieħ Selvaġġ | European Crab Apple; Wild Apple |
| Mespilus germanica | Fomm il-Lipp; Omm il-Epp; In-Naspli t-Tedeski | Medlar; Mediterranean Medlar |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta

| | | |
|---|---|---|
| Morus nigra | Is-Siġar tat-Tut | Black Mulberry |
| Myrtus communis | Ir-Riħan | Myrtle |
| Phillyrea latifolia | L-Olivastru; il-Fillirja | Mock Privet; Jasmine Box |
| Phillyrea media | L-Olivastru; il-Fillirja | Mock Privet; Jasmine Box |
| Prunus armeniaca | Is-Siġra tal-Berquq; Il-Lixandrina | Apricot; Armenian Plum |
| Prunus avium | Iċ-Ċirasa; L-Amarena | Wild Cherry; Sweet Cherry; Gean |
| Prunus cerasifera s.l. | Iċ-Ċuplamm; L-Għanbaqar il-Kbir | Cherry Plum; Myrobalan Plum |
| Prunus cerasus | Iċ-Ċirasa s-Selvaġġa | Dwarf Cherry; Sour Cherry; Tart Cherry |
| Prunus domestica s.l. | Il-Prajn; l-Għanbaqar; Il-Prajjen; Il-Pruna; Is-Sużina | Plum Tree; Prune Tree; Bullace; Damascene; Damson; Greengage |
| Prunus dulcis s.l. | Is-Siġra tal-Lewż | Common Almond |
| Prunus persica var. nucipersica | In-Nuċiprisk; l-Anċiprisk; Iċ-Ċiprisk | Nectarine Tree |
| Prunus spinosa | Il-Prajn tax-Xewk | Sloe; Blackthorn |
| Prunus x dasycarpa | Iż-Żabrikott | Black Apricot |
| Punica granatum | Is-Siġar tar-Rummien; Is-Siġar tal-Bullar | Pomegranate |
| Pyrus amygdaliformis | Il-Lanġas Selvaġġ | Almond-Leaved Pear |
| Pyrus communis | Il-Lanġasa; Il-Bergamotta; Il-Butira; Il-Maskarella; Il-Bambinella; l-Anġilika; l-Ottobrina | European Pear Tree |
| Pyrus pyraster | Il-LanġasBagħal; Il-Lanġas Selvaġġ | Wild Pear |
| Pyrus syriaca | Il-Lanġas Selvaġġ | Syrian Pear |
| Quercus ilex | Il-Balluta; Is-Siġar tal-Ġandar | Holm Oak; Evergreen Oak |
| Rhus coriaria | Ix-Xumakk tal-Konz | Common Sumach |
| Sambucus ebulus | In-Nittiena; Is-Sebuqa Selvaġġa | Dwarf Elder |
| Sambucus nigra | Is-Sambuka; Is-Sebuqa; Is-Sebuqa l-Kbira | Common Elder |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Sorbus aucuparia | Iż-Żorba s-Selvaġġa | Rowan; Mountain Ash |
| | Spartium junceum | Il-Ġenista s-Safra | Spanish Broom |
| | Ulmus canescens | In-Nemmiesa; Is-Siġar tan-Nemus; l-Ulmu; l-Ulmu ta' Malta | Hoary Elm; Grey-Leaved Elm |
| | Ulmus glabra | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Ulmus minor s.str. | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Ulmus procera | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Viburnum tinus | Il-Meruna; Il-Viburnu | Laurustinus |
| | Ziziphus zizyphus | Iż-Żinżel | Jujube |
| | Citrus L. | Siġar taċ-Ċitru | Citrus tree |
| SANTA VENERA | Anagyris foetida | Il-Fula tal-Klieb | Bean Trefoil Tree; Mediterranean Stinkwood |
| HAMRUN | Arbutus unedo | L-Imragla | Strawberry Tree; Cane Apple; Western Arbutus |
| | Celtis australis | Il-Buglar; iċ-Ċeltis | Southern Nettle Tree |
| | Ceratonia siliqua | Il-Ħarruba | Carob |
| | Chamaerops humilis | Il-Ġummara | Dwarf Fan Palm |
| | Crataegus azarolus | L-Għanżalor | Azarole; Crete Hawthorn |
| | Cupressus sempervirens | Iċ-Ċipress | Italian Cypress |
| | Ephedra fragilis | L-Efedra | Shrubby Horsetail; Joint Pine |
| | Juniperus phoenicea s.l. | Il-Ġnibru; Il-Ġniepru; L-Għargħar | Phoenician Juniper |
| | Lycium barbarum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| | Lycium europaeum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| | Lycium intricatum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

QUALITY SERVICE
ARPA AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Olea europaea s.l. | Iż-Żebbuġa; Iż-Żejtuna | Olive |
| | Olea oleaster s.l. | Iż-Żebbuġ Selvaġġ | Wild Olive; Oleaster |
| | Paliurus spina-christi | Ix-Xewk tal-Kuruna; Ix-Xewk ta' Kristu | Christ's Thorn Tree |
| | Phoenix dactylifera | Il-Palm tat-Tamar; In-Naħla; Is-Siġar tat-Tamar | Date Palm |
| | Pinus halepensis | Iż-Żnuber; Is-Siġar tal-Prinjol; Is-Siġar ta' l-Arżnu; l-Arżnu s-Selvaġġ | Pines |
| | Pistacia lentiscus | Id-Deru; Id-Deluwa | Lentisk; Mastic Tree |
| | Pistacia terebinthus | Il-Botna; L-Iskornabekk; Is-Siġar tat-Turpentina; It-Trementina; Is-Siġar tal-Fosdoq; it-Terebintu | Terebinth; Turpentine Tree |
| | Pistacia x saportae | Id-Deru l-Bagħal | Hybrid Mastic Tree |
| | Prunus mahaleb | Iċ-Ċirasa Bagħlija; Iċ-Ċirasa s-Selvaġġa | Mahaleb Cherry; St Lucie Cherry |
| | Quercus calliprinos | Il-Balluta x-Xewwikija | Palestine Oak; Eastern Kermes Oak |
| | Quercus coccifera | Il-Balluta x-Xewwikija | Kermes Oak |
| | Quercus suber | Is-Siġar tas-Sufra; Il-Balluta tas-Sufra | Cork Oak |
| | Rhamnus alaternus | L-Alaternu | Mediterranean Buckthorn |
| | Rhamnus oleoides | Iż-Żiju | Lesser Buckthorn; Olive-Leaved Buckthorn |
| | Sorbus domestica | Iż-Żorba | Service Tree |
| | Tetraclinis articulata | L-Għargħar | Arar tree; Sandarac Gum Tree; Mediterranean Alerce; Barbary Arbor-Vitae |
| | Citrus L. | Siġar taċ-Ċitru | Citrus tree |
| ATTARD<br>LUQA<br>MOSTA | Anagyris foetida | Il-Fula tal-Klieb | Bean Trefoil Tree; Mediterranean Stinkwood |
| | Arbutus unedo | L-Imragla | Strawberry Tree; Cane Apple; Western Arbutus |
| | Celtis australis | Il-Buglar; iċ-Ċeltis | Southern Nettle Tree |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta

QUALITY SERVICE

| | | | |
|---|---|---|---|
| ZEBBUG (Malta) | Ceratonia siliqua | Il-Ħarruba | Carob |
| BALZAN | Chamaerops humilis | Il-Ġummara | Dwarf Fan Palm |
| FONTANA | Crataegus azarolus | L-Għanżalor | Azarole; Crete Hawthorn |
| BIRKIRKARA | Cupressus sempervirens | Iċ-Ċipress | Italian Cypress |
| GHARGHUR | Ephedra fragilis | L-Efedra | Shrubby Horsetail; Joint Pine |
| GUDJA | Juniperus phoenicea s.l. | Il-Ġnibru; Il-Ġniepru; L-Għargħar | Phoenician Juniper |
| MQABBA | Lycium barbarum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| RABAT (Victoria) | Lycium europaeum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| SAFI | Lycium intricatum | L-Għawseġ | Mediterranean Tea-Tree; Tea-Tree; Boxthorn; Southern Boxthorn |
| SAN GWANN | Olea europaea s.l. | Iż-Żebbuġa; Iż-Żejtuna | Olive |
| SWIEQI | Olea oleaster s.l. | Iż-Żebbuġ Selvaġġ | Wild Olive; Oleaster |
| MDINA | Paliurus spina-christi | Ix-Xewk tal-Kuruna; Ix-Xewk ta' Kristu | Christ's Thorn Tree |
| MTARFA | Phoenix dactylifera | Il-Palm tat-Tamar; In-Naħla; Is-Siġar tat-Tamar | Date Palm |
| SANTA LUCIJA | Pinus halepensis | Iż-Żnuber; Is-Siġar tal-Prinjol; Is-Siġar ta' l-Arżnu; l-Arżnu s-Selvaġġ | Pines |
| TARXIEN | Pistacia lentiscus | Id-Deru; Id-Deluwa | Lentisk; Mastic Tree |
| GHAXAQ | Pistacia terebinthus | Il-Botna; L-Iskornabekk; Is-Siġar tat-Turpentina; It-Trementina; Is-Siġar tal-Fosdoq; it-Terebintu | Terebinth; Turpentine Tree |
| QORMI | Pistacia x saportae | Id-Deru l-Bagħal | Hybrid Mastic Tree |
| XEWKIJA | Prunus mahaleb | Iċ-Ċirasa Bagħlija; Iċ-Ċirasa s-Selvaġġa | Mahaleb Cherry; St Lucie Cherry |
| ZEJTUN | Quercus calliprinos | Il-Balluta x-Xewwikija | Palestine Oak; Eastern Kermes Oak |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

QUALITY SERVICE

ARPA AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

| | | | |
|---|---|---|---|
| FGURA | Quercus coccifera | Il-Balluta x-Xewwikija | Kermes Oak |
| KIRKOP | Quercus suber | Is-Siġar tas-Sufra; Il-Balluta tas-Sufra | Cork Oak |
| LIJA | Rhamnus alaternus | L-Alaternu | Mediterranean Buckthorn |
| IKLIN | Rhamnus oleoides | Iż-Żiju | Lesser Buckthorn; Olive-Leaved Buckthorn |
| | Sorbus domestica | Iż-Żorba | Service Tree |
| | Tetraclinis articulata | L-Għargħar | Arar tree; Sandarac Gum Tree; Mediterranean Alerce; Barbary Arbor-Vitae |
| | Fraxinus angustifolia | Il-Fraxxnu; is-Siġar tal-Paċenzja | Narrow-Leaved Ash |
| | Morus alba | Is-Siġar taċ-Ċawsli | White Mulberry |
| | Populus alba | Il-Luqa; Is-Siġar Taċ-Ċopp | White Poplar |
| | Salix alba s.l. | Iż-Żafżafa; Iż-Żafżafa l-Kbira; Iż-Żafżafa l-Bajda | White Willow |
| | Salix pedicellata | Iż-Żafżafa Ż-Żgħira | Mediterranean Willow |
| | Ulmus americana | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Ulmus laevis | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Cercis siliquastrum | Is-Siġra ta' Ġuda; il-Ħarrub ta' Ġuda | Judas Tree; Mediterranean Redbud |
| | Crataegus monogyna | Iż-Żagħrun | Whithorn; Common Hawthorn |
| | Crataegus x ruscinonensis | L-Għanżalor Selvaġġ | Hybrid Hawthorn |
| | Cydonia oblonga | L-Isfarġel | Quince |
| | Laurus nobilis | Ir-Randa | Bay Laurel; Sweet Bay |
| | Malus pumila s.l. | Is-Siġar tat-Tuffieħ; Il-Pumiċella; It-Tuffieħa tal-Billudja | Apple Tree |
| | Malus sylvestris | It-Tuffieħ Selvaġġ | European Crab Apple; Wild Apple |
| | Mespilus germanica | Fomm il-Lipp; Omm il-Epp; In-Naspli t-Tedeski | Medlar; Mediterranean Medlar |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

| | | |
|---|---|---|
| Morus nigra | Is-Siġar tat-Tut | Black Mulberry |
| Myrtus communis | Ir-Riħan | Myrtle |
| Phillyrea latifolia | L-Olivastru; il-Fillirja | Mock Privet; Jasmine Box |
| Phillyrea media | L-Olivastru; il-Fillirja | Mock Privet; Jasmine Box |
| Prunus armeniaca | Is-Siġra tal-Berquq; Il-Lixandrina | Apricot; Armenian Plum |
| Prunus avium | Iċ-Ċirasa; L-Amarena | Wild Cherry; Sweet Cherry; Gean |
| Prunus cerasifera s.l. | Iċ-Ċuplamm; L-Għanbaqar il-Kbir | Cherry Plum; Myrobalan Plum |
| Prunus cerasus | Iċ-Ċirasa s-Selvaġġa | Dwarf Cherry; Sour Cherry; Tart Cherry |
| Prunus domestica s.l. | Il-Prajn; l-Għanbaqar; Il-Prajjen; Il-Pruna; Is-Sużina | Plum Tree; Prune Tree; Bullace; Damascene; Damson; Greengage |
| Prunus dulcis s.l. | Is-Siġra tal-Lewż | Common Almond |
| Prunus persica var. nucipersica | In-Nuċiprisk; l-Anċiprisk; Iċ-Ċiprisk | Nectarine Tree |
| Prunus spinosa | Il-Prajn tax-Xewk | Sloe; Blackthorn |
| Prunus x dasycarpa | Iż-Żabrikott | Black Apricot |
| Punica granatum | Is-Siġar tar-Rummien; Is-Siġar tal-Bullar | Pomegranate |
| Pyrus amygdaliformis | Il-Lanġas Selvaġġ | Almond-Leaved Pear |
| Pyrus communis | Il-Lanġasa; Il-Bergamotta; Il-Butira; Il-Maskarella; Il-Bambinella; l-Anġilika; l-Ottobrina | European Pear Tree |
| Pyrus pyraster | Il-LanġasBagħal; Il-Lanġas Selvaġġ | Wild Pear |
| Pyrus syriaca | Il-Lanġas Selvaġġ | Syrian Pear |
| Quercus ilex | Il-Balluta; Is-Siġar tal-Ġandar | Holm Oak; Evergreen Oak |
| Rhus coriaria | Ix-Xumakk tal-Konz | Common Sumach |
| Sambucus ebulus | In-Nittiena; Is-Sebuqa Selvaġġa | Dwarf Elder |
| Sambucus nigra | Is-Sambuka; Is-Sebuqa; Is-Sebuqa l-Kbira | Common Elder |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Sorbus aucuparia | Iż-Żorba s-Selvaġġa | Rowan; Mountain Ash |
| | Spartium junceum | Il-Ġenista s-Safra | Spanish Broom |
| | Ulmus canescens | In-Nemmiesa; Is-Siġar tan-Nemus; l-Ulmu; l-Ulmu ta' Malta | Hoary Elm; Grey-Leaved Elm |
| | Ulmus glabra | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Ulmus minor s.str. | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Ulmus procera | L-Ulmu | Elm Trees |
| | Viburnum tinus | Il-Meruna; Il-Viburnu | Laurustinus |
| | Ziziphus zizyphus | Iż-Żinżel | Jujube |
| | Citrus L. | Siġar taċ-Ċitru | Citrus tree |



t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

QUALITY SERVICE

ARPA AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY